**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 247/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Hermann (Hermos) Bonaci**

Illum, it-3 ta' Ottubru 2023

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Hermann (Hermos) Bonaci ta' 54 sena, iben Carmel k/a Charles u Maria Dolores nee Cutajar li twieled gewwa tas-Sliema nhar it-23/04/1966 residenti fil-fond 16, Magnolia, FL2, Triq it-Torri Wejter, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` 0206966M

u akkazatu talli nhar id-29/12/2020 ghall-habta ta' 06:00PM gewwa l-hanut "Happy Paws" gewwa Santa Venera:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Logan Farrugia f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Logan Farrugia, hekk kif iccertifikatu Dr. Stephanie Scerri (Med Reg 4005) mic-centru tas-sahha tal-Furjana, u liema offiza kienet motivata fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni sesswali jew opinjoni ohra u dan b'turija ta' ostilita`, stmerija jew disprezz ibbazata fuq il-fatt li l-vittma Logan Farrugia jappartjeni ghal grupp ta' persuni li juru l-generu, identita` tal-generu, orjentazzjoni sesswali jew opinjoni ohra.

U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi:

2. Dolozament espona lil Logan Farrugia, persuna li uzat id-dispozizjjonijiet ta' dan l-Att, u cioe' l-Att Dwar I-ldentita' tal-Generu, l- Espressjonni tal-Generu u l-Karatteristici tas-Sess, jew insulta jew ghajjar lill-istess Logan Farrugia.

3. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat , ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni

II-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Logan Farrugia jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Hermann (Hermos) Bonaci b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

II-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2021 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Ottubru 2022.[3]

Rat illi d-difiza iddikjarat li ma ghandhiex provi xi tressaq fil-kawza nhar is-27 ta' Frar 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegat episodju ta' aggressjoni u tghajjir mwettaq mill-imputat Hermann Bonaci fil-konfront tal-parte civile Logan Farrugia, persuna transesswali, li sehh nhar id-29 ta' Dicembru 2020 fl-istabbiliment ossija *Charity Shop* Happy Paws f'Santa Venera.

---

[1] Folio 17 ta' l-atti processwali
[2] Folio 15 ta' l-atti processwali
[3] Folio 66 ta' l-atti processwali
[4] Folio 131 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, xehdet **L-Ispettur Audrey Micallef**[5], li kkonfermat li nhar id-29 ta' Dicembru 2020 it-Taqsima ta' Kontra l-Vjolenza Domestika giet referuta rapport li kien ghamel certu Logan Farrugia dwar allegati insulti mmirati lejn il-generu tieghu u griehi. L-allegazzjoni kienet fis-sens li dakinhar ghall-habta tas-18:00, waqt li dan Logan Farrugia kien qieghed xoghol fil-hanut Happy Paws, Santa Venerea, dahal l-imputat Hermann Bonaci fil-hanut u staqsa ghalih. Ir-rapport kompla jghid li l-imputat kien irrefera ghal xi *complaint* allegatament maghmul minn Farrugia fuq Facebook dwar ir-ristorant Il Cortile u l-bezaqlu f'wiccu u imbaghad tah daqqa ta' ponn. Farrugia qal ukoll li matul dan l-incident, l-imputat beda jireferi ghalih bhala *'mara'* u jghajjru *'qahba'* quddiem hanut *'mimli nies'*. In kwantu ta' kuntest, Farrugia kien spjega li huwa kien mar jiekol fir-ristorant il-Cortile f'data precedenti u kien ghaddha lment fuq Facebook u assuma li kien ghalhekk li l-imputat mar ifittxu fil-hanut. Ix-xhud hadet l-istqarrija tal-imputat fil-prezenza tal-avukati Dr Giannella De Marco u Natalino Caruana De Brincat fejn l-imputat ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi maghmula lilu izda ta' spjegazzjoni fl-ahhar u ffirmaha. In kontro-ezami qablet li ghalkemm ma kienx wiegeb ghad-domandi, l-imputat ta l-verzjoni tieghu u anke` pprezenta serje ta' messaggi[6] u regghet

[5] Fol. 18-24 tal-atti processwali.

[6] Dok AM1, Folio 36-

ikkonfermat li l-imputat ma kienx jaf lil Logan Farrugia izda kien jaf li Logan Farrugia attenda il-hanut ma zewg nisa ohra.

Minn dawn il-messaggi irrizulta li kien hemm korrispondenza bejn Logan Farrugia u l-istabilliment. Dawn il-messaggi kienu jikkonsistu f'ilment dwar is-servizz fejn jhedded li sejjer ixandarhom tas-servizz hazin u jikkritika lill-imputat ghall-imgieba tieghu. Messagg iehor li ssegwi jerga jikkritika l-imgieba tieghu meta mar jikkonfrontah fil-hanut izda jirrizulta li l-intenzjoni kienet li jibghatu lill xi haddiehor.

Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022 xehed **il-parte civile Logan Farrugia** [7]. Spjega li fis-27 ta' Dicembru 2020 kien mar jiekol Il Cortile u minhabba li l-ikel u s-servizz ma kienux skont l-aspettattivi tieghu, baghat ilment tramite messagg privat fuq il-pagna tar-ristorant fuq Facebook. Imbaghad fid-29 ta' Dicembru, l-imputat mar sabu fil-hanut Happy Paws Charity Shop fejn jahdem u laqghu bil-kliem *"int li bghattli dak il-messagg?"* u kien pront bezaqlu f'wiccu u tah daqqa ta' ponn hdejn halqu waqt li beda jghid *'dik mara'* u jghaqqad il-ponn. Huwa u hiereg mill-hanut beda jghajjru *'qahba'*. Wara dan l-episodju, il-parte civile mar ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana biex jigi nvistat minhabba l-griehi li garrab u ghadda biex jaghmel rapport mal-pulizija. Il-parte civile gharaf lill-imputat fl-awla. In kontro-ezami, spjega li l-prenotazzjoni Il Cortile kienet ghamlitha certu Anne Marie Kerr li hija ukoll volontiera ma Happy Paws u kkonferma li huwa kien baghat il-messaggi ezebiti a Fol. 36 l-ghada li mar jiekol u cioe` fit-28 ta' Dicembru 2020. Spjega dakinhar kellu xaghru *'naqra itwal'* milli kien meta xehed u kien bin-nokkli. Innega bil-qawwa is-suggeriment li l-ilmenti u l-imgieba tieghu waqt li kien Il Cortile kienu *messa in scena* intizi biex jikkrejaw incident mal-imputat.

[7] Fol. 40-53 tal-atti processwali.

Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2022 xehdet **it-Tabib Dr Stephanie Scerri**[8]. B'referenza ghac-certifikat mediku ezebit a Fol. 10, ikkonfermat li kienet invistat lill-parte civile Logan Farrugia fid-29 ta' Dicembru 2020. Kienet sabet li kellu selha fuq gewwa tax-xoffa u li kellu pressjoni gholja f'dak il-mument. Tiftakar li kien qed jibki u li kien emozzjonalment affettwat. It-tabiba ikkonfermat li l-griehi kienu ta' natura hafifa.

Fl-istess seduta xehdet **PS 2007 Teresa Farrugia (eks WPC 426)**[9] li kkonfermat li hija kienet hadet ir-rapport dwar l-okkorrenza bin-numru tar-referenza NPS GHQ/GBDV/440//2020[10], inkluz il-verzjoni tal-parte civile Logan Farrugia u ghamlet ukoll l-aggornamenti.

Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2022 xehed virtwalment **Alex Caruana**[11] li spjega li kemm hu kif ukoll il-parte civile Logan Farrugia huma persuni transesswali u li huwa gieli kien ta' ghajnuna u sostenn lill-parte civile. Ikkonferma li wara li l-parte civile kien cempel ghall-assistenza tramite Rainbow Support Services, kien akkumpanjah biex jaghmel ir-rapport fil-Kwartieri Generali tal-pulizija u jiftakar li kellu d-demm hiereg minn xofftu u deher ixxukkjat hafna.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2022 xehdet **Anna Guzman**[12] li kienet fil-hanut Happy Paws waqt l-allegat incident mertu ta' dawn il-proceduri. Hija kkonfermat li rat lill-imputat Hermann Bonaci jaghti *'daqqa ta' ponn lil Logan u bezaqlu'* u beda jghajjru *'mara'* u *'qahba'* u imbaghad talaq 'il barra. Spjegat li fil-hanut kien hemm persuni ohrajn prezenti li hija identifikat bhala Anne Marie u Anglu. Gharfet lill-imputat fl-awla. In kontro-ezami spjegat li hekk kif dahal fil-hanut, l-imputat kien staqsa min hu Logan Farrugia u l-parte civile kien qal li kien hu.

---

[8] Fol. 54-56 tal-atti processwali.
[9] Fol. 57-58 tal-atti processwali.
[10] Folio 11 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 63-65 tal-atti processwali.
[12] Fol. 67-74 tal-atti processwali.

Fl-istess seduta xehdet **Anne Marie Carr**[13] li kienet qed tahdem fil-hanut Happy Paws waqt l-allegat incident mertu ta' dawn il-proceduri. Tiftakar li ghall-habta tas-18:00, kien dahal l-imputat fil-hanut u staqsa ghall-Logan Farrugia, u dan, wiegeb li kien hu. L-imputat imbaghad mar fuq il-parte civile, bazaqlu u tah daqqa ta' ponn u minhabba f'hemm inqala' daqsxejn kaos fil-hanut. Tiftakar li l-parte civile spicca bid-demm f'wiccu rizultat tal-incident u li l-imputat beda ukoll jghajjru 'int mhux veru ragel….int mara'. Gharfet lill-imputat fl-awla. In kontro-ezami, ikkonfermat li ftit jiem qabel kienet marret fir-ristorant Il Cortile flimkien mal-parte civile u zewg persuni ohrajn ghall-ikla tal-Milied tal-Happy Paws. Stqarret li dakinhar tal-ikla, kien probabbli li xaghar il-parte civile kien migbud bhala *horsetail* u kien liebes ilbies informali. Tiftakar li l-parte civile ma kienx ghogbu l-ikel u fil-fatt, ma kienx kiel.

Fl-istess seduta xehed **Anglu Galea**[14] li ukoll kien qieghed fil-hanut Happy Paws waqt l-allegat incident mertu ta' dawn il-proceduri. Jiftakar li dahal ragel fil-hanut u mar lejn 'sid il-hanut' u tah daqqa ta' ponn go wiccu u beda jghajjru 'mara qahba'. Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

**L-imputat Hermann Bonaci**[15] xehed minn rajh fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2022. Spjega li huwa jmexxi ir-ristorant Il Cortile fl-Iklin u li jiftkar li f'Dicembru kien hemm mejda ta' tlett klijenti li kellhom xi ilmenti dwar il-mejda, dwar ix-xorb u dwar l-ikel. Jghid li ghalkemm hu kien prezenti fir-ristorant, kien il-*manager* Marco Schembri li kien *in charge*. Stqarr li f'dak iz-zmien partikolari kien ghaddej minn perjodu difficli minhabba li huh gie dijanjonizzat b'marda terminali. L-ghada filgodu kien ircieva messagg *'ahrax hafna'* minghand Logan Farrugia, li huwa gharaf bhala wiehed mill-persuni li kien hemm fuq dik il-

[13] Fol. 75-100 tal-atti processwali.
[14] Fol. 101-105 tal-atti processwali.
[15] Fol. 107-129 tal-atti processwali.

mejda partikolari. In segwitu ta' dan, huwa ha d-decizjoni *'forsi zbaljata'* li jmur ikellem lil Farrugia personalment. Huwa kellu konoxxenza tac-*charity shop* Happy Paws minhabba li gieli kien ta' b'donazzjoni xi affarijiet biex jinbieghu. Ammetta li meta dahal fil-hanut, staqsa ghal Farrugia, tah daqqa ta' harta, qallu *'int mara qahba'* u telaq 'il barra. Stqarr li huwa kien genwinament minghalih li Logan Farrugia kien mara. In kontro-ezami iccara li l-messagg kien ircevih fuq il-pagna ta' Facebook ta' Il Cortile u li dan kien messagg privat. Rega' sahaq li kemm minn dak li ra b'ghajnejh fir-ristorant kif ukoll minn dak li ra fuq Facebook, huwa fehem li Logan Farrugia kien mara.

Fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023 xehed **Marco Schembri**[16] li spjega li huwa jahdem bhala *manager* fir-ristorant Il Cortile. Jiftakar li f'jum ghall-habta ta' wara l-Milied tas-sena 2020, kien hemm mejda ta' tlett nisa *lunch* li '*giet hazin*' mill-bidunett ghax ilmentaw kemm fuq il-mejda, kemm fuq ix-xorb kif ukoll fuq l-ikel. Spjega li l-ilmenti kollha gew rizolti, spiccaw mill-ikel, hallsu u telqu mill-post.

Fl-istess seduta xehdet **Frida Cauchi**[17] li tahdem bhala kaxxiera fir-ristorant Il Cortile. Tiftakar li ghall-habta tat-28 ta' Dicembru 2020 kien hemm mejda partikolari prenotata fuq il-kunjom 'Kerr' u li din il-mejda kienet popolata minn dawn li dehru bhala tlett nisa. Il-*manager* Marco Schembri l-ewwel kien infurmaha li dawn it-tlett nisa kienu bidlu l-mejda, imbaghad li kien bidlilhom Kinnie, immbaghad qalilha biex ma zzommx ta' Mojito u finalment qalilha ukoll li kien hemm ilmenti dwar l-ikel, izda dwar dan ma kienx hemm tnaqqis fil-kont.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputat**

[16] Fol. 132-137 tal-atti processwali.
[17] Fol. 138-144 tal-atti processwali.

Illi l-imputat kien irrilaxxja stqarrija[18] lill-Ispettur Audrey Micallef fl-ufficcju taghha fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija nhar il-11 ta' Marzu 2021 fil-prezenza ta' Dr Giannella De Marco, Dr Natalino Caruana Debrincat u PS 2018 Silvana Cesare. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma rrispondiex ghad-domandi maghmula lilu izda fl-ahhar spjega li huwa bl-ebda mod ma kien jaf lill-parte civile Logan Farrugia u rah l-ewwel darba meta mar jiekol fir-ristorant Il Cortile u l-ghada baghtlu messagg fuq Facebook Messenger meta ghamel ilment mieghu. Huwa imbghad kien mar biex ikellmu fil-hanut tal-Happy Paws, ghax kien ghamel il-konnessjoni tramite l-persuna li prenotat il-mejda. Afferma li fil-fehma tieghu, it-tlett persuni li kien hemm fuq il-mejda kienu tal-generu femminili. L-imputat ghazel li minn jeddu jiffirma l-istqarrija u ghadda kopja tal-messaggi li ircieva fuq il-messenger tal-Facebook page il-Cortile Wine & Dine lill-pulizija.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirrizulta li Logan Farrugia ma kienx kuntent b'servizz li ircieva u wera dan is-sentiment b'messaggi lill-istabilliment fejn ikritikom serjament u anke lis-sid. Tant kienet kritika qawwija li sahansitra zied jghid ukoll li kellu l-intenzjoni li ixandarhom.

Jirrizulta li dawn il-messaggi urtaw lill-imputat li kienu jirreferu ghalih personalment peress li huwa anke s-sid ta' l-istabiliment. Minhabba l-kontenut ta' dawn il-messaggi mar jikkonfronta lill Logan Farrugia u tah daqqa ta' ponn.

Mix-xhieda ta' Logan Farrugia jinghad:

*"Is-Sur Bonaci gie l-hanut, kien bla maskla, dahal, jien kont fejn il counter, fejn il bieb fejn jinqdew in-nies, u dahal u qal min hu s-Sur Farrugia, jien ghedtlu li jiena,*

[18] Fol. 3-7 tal-atti processwali.

***imbaghad qalli inti li bghattli dak il-messagg***? *U ma tanix cans, bezaq go wicci, tani daqqa ta' ponn, hawnhekk"*

…

*"go halqi hawn.* ***Imbaghad*** *beda sejjer dik mara, u ghedtlu li m iniex mara u baqa jghid iva dik mara, imbaghad beda sejjer hekk, jien bdejt nersaq lura."*

[Enfasi tal-Qorti]

Illi dan huwa wkoll ikonfermat mix-xhieda ta' Anna Guzman u Anglu Galea li ikkonfermaw li l-imputat dahal fil-hanut u immedjatament ta' daqqa ta' ponn lil-parte civile u bezaqlu u li kien wara li beda jghajjru.

Ghalhekk jirrizulta, u dan mix-xhieda diretta tal-parte civile, li r-raguni ghalfejn l-imputat attenda fil-hanut fejn kien jinstab Logan Farrugia kien minhabba l-messaggi li ircieva minn ghandu. Il-Qorti m'ghandix dubju li kieku ma kienux ghal messaggi, l-imputat ma kienx ser ikollu skop sabiex imur ifittxu u jaggredih b'dak il-mod.

Jirrizulta wkoll li r-raguni principali ta' daqqa ta' ponn kien minhabba dawn il-messaggi u l-kontenut tagghom li kienu qed jimpingu fuq l-istabiliment f'perjodu sensittiv mill-aspett ekonomiku wara l-ftuh tal-hwienet wara r-restrizzjonijiet ta' gheluq minnhabba t-tixrid tal-Covid-19.

Fi kliem l-istess xhud it-tghajjir u kritika lejn Logan Farrugia kienet wara li tah daqqa ta' ponn u mhux ir-raguni principali.

Il-Qorti hawnhekk qed taghmilli cara li din l-imgieba ta' l-imputat hija kundanabbli u mhux xieraq u certament mhux normali jew professjonali kif tirrinfaccja kritika fix-xoghol. Huwa mistenni li ikun hemm kritika fil-linja tieghu, li kultant taf tkun iebsa iz-zejda u mhux misthoqqa, izda li tmur tfittex

persuna fejn jinserta ikun u tikkagunalu griehi fil-pubbliku certament mhuiex il-mod ta' kif isiru l-affarijiet.

Madankollu, il-Qorti trid tevalwa l-provi skont l-akkuzi li ressqet il-prosekuzzjoni. Il-prosekuzzjoni ressqet l-ewwel akkuzi skont l-artikolu 221(1) u l-artikolu 222A(2)(3)(a).[19]

Illi l-artikolu 222A(2)(3) jindika zieda fil-piena f'certi kazi. Illi dan l-artikolu jispecifika li z-zieda fil-piena ghandha tkun mizjuda minn grad sa zewg gradi meta jkun aggravata *jew* motivat fuq bazi ta' generu fost ohrajn.

Is-subartikolu 3(a) jispecifika l-kriterija specifika biex jikwalifika dan l-aggravju fejn jinghad li dan l-aggravju japplika *fil-waqt li fih isir ir-reat, jew minnufih qabel l-ghemil tar-reat…* L-artikolu 3(b) jispecifika wkoll li r-reat ikun motivat ghal kollox jew b'mod parzjali, minn ostilita', stmerrija jew disprezz lejn grupp ta' persuni kif imsemmi fil-paragragu (a).

Illi mix-xhieda u c-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti hija konvinta li r-raguni primarja u ghalfejn l-imputat mar b'rawha f'halqu ifittex lil Logan Farrugia ma kienx minhabba l-generu ta' l-identita tieghu izda minhabba l-fatt li hassu aggravat bil-messagg li ircieva minn ghandu minhabba is-servizz fir-ristorant u l-intenzjoni li ixandru.

Illi l-anqas ma jista jinghad li l-imputat kien jaf b'certezza l-istorja jew il-passat dwar l-identita tal-generu tal-parte civile stante li dan ma kienx persuna maghruf ghalih qabel dan l-incident.

Ghaldaqstant filwaqt il-Qorti tqis li l-ewwel reat gie ppruvat skont l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali, tqis li ma huiex ppruvat sal-grad rikjest skont il-ligi

[19] Qabel ma giet amendata permess ta' l-Att LXV 2021

ghar-rigward l-artikolu 222A(2)(3)(a) tal-Kodici Kriminaliu dan jinghad ukoll it-tieni imputazzjoni.

Ghar-rigward it-tielet imputazzjoni il-Qorti tqis li dan ir-reat huwa preskritt minhabba preskrizzjoni trimestrali.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[20] Il-fedina penali ta' l-imputat hija wahda nadifa ghax iz-zewg incidenzi precedenti fiha rapportati jmorru lura snin kbar u kienu nuqqasijiet ta' natura kontravvenzjonali li sussegwent kienu gew depenalizzati.

- L-imputat wera rimors u dispjacir ghall-imgieba tieghu u wera dan b'mod pubbliku meta ghazel biex jixhed.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 221(1), 222A(2)(3), 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet u l-artikolu 11(1)(2)(3) tal-Kapitolu 540 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Hermann Bonaci **hati** ta' l-ewwel imputazzjoni skont l-artikolu 221 izda **mhux hati** skont l-artikolu 222A(2)(3), kif ukoll mhux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u imputazzjoni. Tqis it-tielet imputazzjoni bhala preskritta.

Ghar-rigward piena qeda tillibera lill-imputat bil-kondizjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmien xhur (8) skont l-artikolu 22(1) tal-Kap 446.

[20] Folio 8 ta' l-atti processwali

Il-Qorti fisret is-sentenza lil hati skont l-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum, nhar it-3 ta' Ottubru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**